# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 14 ta' Settembru 2021**

Appell numru 45/2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Shirley AL OMAR**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-16 ta' Ġunju 2021 fil-konfront ta' Shirley AL OMAR, karta tal-identita' bin-numru 538875M li ġiet mixlija (in suċċint) talli

   fit-24 ta' Jannar 2021 ghall-habta ta' bejn 12:00Hrs u 12:15Hrs, flimkien ma' binha minuri ta' 13-il sena, ikkommettiet serq ta' flus kontanti minn gewwa r-residenza 63, St. Philip, Triq Sir Luigi Preziosi, San Pawl il-Bahar, liema serq huwa aggravate bil-mezz u bil-lok u dan ghad-dannu ta' Yvonne Tabone ta' 77 sena u Mario Tabone ta' 81 sena, li huma persuni anzjani u/jew persuni ohra skont *l-Artikoli 257D(l)(c),* 261 *(b) (e),* 263,*269(g), 278(2) tal-Kap* 9 *tal-Ligijiet ta 'Malta;*
   2. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi naqset milli tiehu hsieb kif jehtieg lil ibnek Sheldon Micallef ta' 13-il sena meta kienet fid-dmir li tiehu

hsieb ta' tfal jew persuni li ma jkunux kapaci li jiehdu hsieb taghhom infushom skont *l-Artikoli 339(1)0) tal-Kap* 9 *tal-Ligijiet ta' Malta;*
3. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi wettqet reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza li minnha giet illiberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin moghtija fil-konfront taghha b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D, datata 21 ta' Mejju 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi nqast milli thares il-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Astrid May Grima LL.D, datata 30 ta' Lulju 2020 li bih tat il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet;
5. U aktartalli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrendiet ruhha recediva ai termini tal-artikoli 49 u 50 ta1-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkolll-artikoli 383, 384, 385 u 4l2C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. ILLI permezz ta' sentenza datata nhar is-sittax (16)-il jum mix-xahar ta' Ġunju tas-sena Elfejn Wieħed u Għoxrin (2021), mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Lydon Zammit u Spettur Stephen Gulia) vs Shirley Al Omar* dik il-Qorti sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tagħha u ikkundannatha komplessivament għall-piena ta' sentejn u tliet xhur priġunerija.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali ħassitha aggravata b'din is-sentenza in kwantu stqarret is-segwenti :

filwaqt li jaqbel mas-sejbien ta' htija u mal-piena li nghatat fil-konfront tal-imputata, hassu aggravat bil-mod ta' kif l-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-applikazzjoni tal-ligi, partikolarment dwar in-nuqqas ta' hrug ta' ordni ta' protezzjoni taht l-artikolu 383 tal-Kodici

Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ordni ta' protezzjoni tiskatta minn dakinhar li fih tkun giet skontata l-piena ta' prigunerija.

4. B'hekk l-Avukat Ġenerali talbet lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-imputata appellata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontriha u fejn erogat il-piena ta' sentejn u tliet xhur priġunerija kontra tagħha, tirriformaha billi toħroġ "ordni ta' protezzjoni taħt l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta".

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Illi matul il-kors tas-seduta ta' dan l-appell, id-Difiża ikkonċediet li f'dan il-każ, ma kienx hemm kontestazzjoni ta' dan l-appell kif interpost mill-Avukat Ġenerali.

6. Illi l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi hekk:

> (1) Il-qorti tista', meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna ta' ħaddieħor jew sabiex jinżamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena appllikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-qorti.
> (2) Din is-somma ma tistax tkun anqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) jew aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu(2,329.37), skont il-mezzi tal-persuna obbligata, u ż-żmien tal-obbligi ma jistax ikun aktar minn tnax-il xahar.
> (3) Meta għall-istess fatt li jagħti lok għall-obbligi fuq imsemmija, l-imputat ikun ġie ikkundannat għal piena li tnaqqas il-libertà persunali, iż-żmien ta' dawk l-obbligi jibda jgħodd minn dak in-nhar li fih dik il-piena tiġi skuntata jew maħfura.

7. Fl-appell tagħha, l-Avukat Ġenerali tirreferi għal dawn l-obbligi li jistgħu jiġu imposti bis-saħħa tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali bħala "ordni ta' protezzjoni". Fil-verita dawn ma humiex ordnijiet ta' protezzjoni. L-ordni ta' protezzjoni li jista' jiġi impost fil-Liġi Maltija huwa dak meta l-proċeduri penali jkunu sub-iudice fis-sensi tal-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

8. Fi kwalunkwe każ, jirriżulta li l-vitmi f'dan il-każ huma Yvonne Tabone ta' 77 sena u Mario Tabone ta' 81 sena. F'dawn iċ-

ċirkostanzi huwa indikat li jinħareġ ordni fis-sensi tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali kif mitlub mill-Avukat Ġenerali.

# DECIDE

Għaldaqstant din il-Qorti qegħda tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-imputata appellata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontriha u fejn erogat il-piena ta' sentejn u tliet xhur priġunerija kontra tagħha, tirriformaha billi, flimkien mal-piena ta' priġunerija imposta kontra l-appellata, u sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Yvonne Tabone u Mario Tabone, fis-sensi tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali torbot lill-appellata Shirley AL OMAR b'obbligazzjoni tagħha nnifisha taħt penali t'elfejn euro (€2,000) u dan għal perjodu ta' tnax-il xahar li jibdew jgħoddu minn dak in-nhar li fih dik il-piena ta' priġunerija komminata lill-appellata tiġi skuntata jew maħfura.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**